# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI FAMILJA

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Erbgħa, 16 ta' Lulju 2025**

**Rikors Ġuramentat numru: 11/2023 BS**

**Ian Cardona**

**-vs-**

**Bernardette Lourdes Bezzina**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur Ian Cardona illi ppremetta:**

1. *Illi l-partijiet, iżżewwġu nhar it-tletin (30) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) il-Kappella ta' San Bastjan Qormi Malta u dan kif jidher miċ-ċertifikat taż-żwieġ li jinsab hawn anness u mmarkat Dok AF1;*

2. *Illi minn dan iż-żwieġ ma kellhomx ulied;*

3. *Illi l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt datat is-sbatax (17) t'April tas-sena elfejn u dstax (2019) ippublikat minn Nutar Dr. Annamaria Mizzi, hawn anness u mmarkat bhala Dok AF2;*

4. *Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet ghax ilhom separati de facto ghal aktar minn erba' (4) snin u illum qed jghixu hajja separata minn xulxin.*

5. *Ma hemm l-ebda kwistjoni ta' manteniment bejn il-partijiet.*

6. *Illi r-rikorrent jaf u qed jikkonferma bil-gurament tieghu dawn il-fatti personalment.*

7. *Illi r-rikorrent ser jizzewweġ ċivilment u jeħtieġ jirregolarizza il-pożizzjoni tiegħu urġentement.*

**Talab lil Din l-Onorabbli Qorti:**

(i) *Tappunta s-smigh ta' dan ir-rikors b'urgenza;*

(ii) *Ixxolji dan iz-zwieg ta' bejn Ian Cardona K1489489(M) u Bernadette Lourdes Bezzina 203088(M) nhar it-tletin (30) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) il-Kappella ta' San Bastjan Qormi Malta;*

(iii) *Tordna lir-Registraur tal-Qrati sabiex javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet imsemmija biex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku u dan fit-termini li joghgobha tipprefigi din il-Qorti Onorabbli.*

*Bl-ispejjez bla taxxa bejn il-partijiet.*

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ġuramentat ta' l-attur.

Rat li minkejja li l-konvenuta ġiet debitament notifikata permezz tal-proċedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni din baqgħet ma ppreżentat l-ebda risposta u għalhekk hija kontumaċi.

Fliet id-dokumenti u l-atti kollha ppreżentati mar-rikors ta' l-attur minn fejn jirriżulta li l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt li jġib id-data tas-17 ta' April, 2019[1].

Minn dak li jirriżulta mill-atti huwa ben ċar li ma hemm l-ebda possibilità ta' rikonċiljazzjoni u li ma hemmx pendenzi ta' ħlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Rat l-Artikoli 66 A, 66 B, 66 C tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi l-kundizzjonijiet meħtieġa għad-divorzju ġew kollha sodisfatti.

**Decide.**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talba ta' l-attur u fil-waqt li tippronunzja l-ħall taż-żwieġ ta' bejn il-partijiet bin-numru progressiv tar-Reġistru 200/2017 tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fi żmien xahar

[1] A fol 4

mil-lum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Spejjeż għandhom jitħallsu mill-attur.

(ft) Dr. Brigitte Sultana

Maġistrat

(ft) Jenna Mizzi

D/Registratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur